MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Numru 231/2008

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Jason Manuel Briffa

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 121193(M), akkuzat talli:

1. bejn Settembru 2007 u Jannar 2008, f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tlettin Ewro u erbgha u

disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Loreto Dalli detentur tal-karta ta' l-identita' numru 1119447(M), ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9.
2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Loreto Dalli detentur tal-karta ta' l-identita' numru 1119447(M), ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kap 9.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal- Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jittrattaw it-truffa u l-misapproprjazzjoni. Issa mill-istqarrija tal-akkuzat aktar huwa kaz ta' truffa milli misapproprjazzjoni u l-Qorti ser issibu hati, fuq ammissjoni tieghu stess ta' truffa.

Illi l-ammissjoni tal-akkuzat hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Konsegwentement, wara li rat l-Artikolu 308 u 310(b) tal-Kap 9, issibu hati tal-ewwel akkuza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, u tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 billi tilliberah ghal zmien sena mill-lum

sakemm l-akkuzat ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija f'dan il-perjodu.

Rat l-Artikolu 24 tal-imsemmi kap u tordna lill-akkuzat li jirrfondi l-ammont ta' €1,280 zmien sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------